

IL-PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

30.3.2007

PE 386.660v01-00

EMENDI 19-65

Abbozz ta' Rapport

Avril Doyle

Enzimi fl-ikel

(PE 386.295v03-00)

Proposta għal regolament (COM(2006)0425 – C6-0257/2006 – 2006/0144(COD))

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi mill-Parlament

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 19
Ċitazzjoni 1

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 95 **u 153** tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' enzimi fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni dwar il-biedja huwa biss aseptt minuri tar-regolament propost. Għalhekk, l-Artikolu 37 m'għandux jintuża bħala bażi legali.

Il-proposta timmira lejn protezzjoni għolja tal-konsumatur, li għandha tintlaħaq billi jiġu armonizzati r-regolamenti ta' l-Istati Membri fi ħdan is-suq intern. Għalhekk, l-Artikolu 153 m'għandux jintuża bħala bażi legali.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 20
Ċitazzjoni 1

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-**Artikoli 37 u 95** tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-**Artikolu 95** tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'dan il-każ mhux ġustifikat li jsir rikors għal bażi legali doppja L-enzimi m'humiex prodotti agrikoli. Din hija purament proposta tas-suq intern li għandha l-għan li tarmonizza l-leġiżlazzjoni u tneħħi l-ostakli għall-kummerċ. Għalhekk, l-Artikolu 95 huwa l-bażi legali t-tajba.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 21
PREMESSA 3

(3) L-enzimi, għajr għal dawk li jintużaw bħala addittivi ta' l-ikel, bħalissa mhumiex irregolati jew huma rregolati bħala għajnuniet għall-ipproċessar taħt il-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri. Id-differenzi bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali dwar il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' l-enzimi ta' l-ikel jistgħu jfixklu l-moviment liberu tagħhom, waqt li jinħolqu kondizzjonijiet għal kompetizzjoni inegwali u inġusta. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli Komunitarji li jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel.

(3) L-enzimi, għajr għal dawk li jintużaw bħala addittivi ta' l-ikel, bħalissa mhumiex irregolati jew huma rregolati bħala għajnuniet għall-ipproċessar taħt il-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri. Id-differenzi bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali dwar il-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' l-enzimi ta' l-ikel ifixklu l-moviment liberu tagħhom, waqt li jinħolqu kondizzjonijiet għal kompetizzjoni inegwali u inġusta. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli Komunitarji li jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċarezza legali: Hemm bżonn ta' regoli armonizzati fis-suq intern. Dan isaħħaħ il-bażi legali ta' l-Artikolu 95 (suq intern) ta' din il-proposta.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 22
PREMESSA 6

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu bla periklu meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, u l-użu tagħhom m'għandux jiżgwidaw lill-konsumatur.

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom jintużaw b'mod sikur, għandu jkun hemm bżonn tekniku għall-użu tagħhom u l-użu tagħhom m'għandux jiżgwidaw lill-konsumatur ***rigward kemm huma friski, il-valur nutrizzjonali ta' l-ingredjenti u n-naturalità ta' prodott ta' l-ikel. Bil-kontra, għandhom iwasslu benefiċċju ċar lill-konsumatur.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-leġislazzjoni attwali dwar l-addittivi fl-ikel, benefiċċju ċar għall-konsumatur għandu jkun ir-rekwiżit ċentrali fil-proċess ta' awtorizzazzjoni għal enzimi ta' l-ikel.

Emenda mressqa minn David Martin, Åsa Westlund

Emenda 23
PREMESSA 6

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu bla periklu meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, u l-użu tagħhom m'għandux jiżgwidaw lill-konsumatur.

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu bla periklu meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, u l-użu tagħhom m'għandux jiżgwidaw lill-konsumatur. ***Il-każijiet fejn il-konsumatur huwa żgwidat jinkludu, iżda mhux limitati għal, kwistjonijiet relatati ma' kemm hu frisk il-prodott, mal-kwalità ta' l-ingredjenti użati, ma' kemm hu naturali l-prodott jew tal-proċess tal-produzzjoni jew mal-kwalità nutrittiva tal-prodott.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa meħtieġa sabiex ikun hemm fehim komuni mtejjeb tat-tifsira tal-frażi "il-konsumatur jiġi żgwidat".

Emenda mressqa minn John Bowis

Emenda 24 PREMESSA 6

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu bla periklu meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, u l-użu tagħhom m'għandux jiżgwida lill-konsumatur.

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu bla periklu meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, u l-użu tagħhom m'għandux jiżgwida lill-konsumatur. ***Il-każijiet fejn il-konsumatur huwa żgwidat jinkludu, iżda mhux limitati għal, kwistjonijiet relatati ma' kemm hu frisk il-prodott, mal-kwalità ta' l-ingredjenti użati, ma' kemm hu naturali l-prodott jew tal-proċess tal-produzzjoni jew mal-kwalità nutrittiva tal-prodott.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa meħtieġa sabiex ikun hemm fehim komuni mtejjeb tat-tifsira tal-frażi "il-konsumatur jiġi żgwidat".

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 25 PREMESSA 6

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu bla periklu meta jintużaw, għandu jkun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, **u** l-użu tagħhom m'għandux jiżgwida lill-konsumatur.

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel iridu jkun mingħajr periklu meta jintużaw, irid ikun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, l-użu tagħhom ma jridx jiżgwida lill-konsumatur, **u l-użu tagħhom irid ikun ta' benefiċċju**

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 26
PREMESSA 8

(8) L-enzimi ta' l-ikel li l-użu tagħhom huwa permess fil-Komunità għandhom jidhru f'lista Komunitarja li għandha tiddekrivi l-enzimi b'mod ċar, tispeċifika kwalunkwe kondizzjoni li tirregola l-użu tagħhom u tkun supplimentata bl-ispeċifikazzjonijiet, b'mod partikolari dwar l-oriġini tagħhom u dwar il-kriterji ta' purità. Fejn l-enzima ta' l-ikel ikun ***fiha jew tikkonsisti minn*** organiżmu modifikat ġenetikament (“GMO”) fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u t-tikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti ta' l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE, l-identifikatur uniku assenjat lill-GMO taħt dak ir-Regolament għandu wkoll jiġi inkluż fl-ispeċifikazzjonijiet.

(8) L-enzimi ta' l-ikel li l-użu tagħhom huwa permess fil-Komunità għandhom jidhru f'lista Komunitarja li għandha tiddekrivi l-enzimi b'mod ċar, tispeċifika kwalunkwe kondizzjoni li tirregola l-użu tagħhom u tkun supplimentata bl-ispeċifikazzjonijiet, b'mod partikolari dwar l-oriġini tagħhom u dwar il-kriterji ta' purità. Fejn l-enzima ta' l-ikel ***tkun tiġi manifatturata minn jew b'***organiżmu modifikat ġenetikament (“GMO”) fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u t-tikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti ta' l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE, l-identifikatur uniku assenjat lill-GMO taħt dak ir-Regolament għandu wkoll jiġi inkluż fl-ispeċifikazzjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Skond id-definizzjoni, proteina hija parti minn organiżmu u ma jistax ikun fiha jew tikkonsisti minn organiżmu. It-terminu għandu jkun konsistenti mad-definizzjonijiet użati fir-regolamenti speċifiċi 1829/2003/EC u 1830/2003/EC.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 27
PREMESSA 9

(9) Biex ikun hemm armonizzazzjoni, il-

Biex ikun hemm armonizzazzjoni, il-

valutazzjoni tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel u l-inklużjoni tagħhom fil-lista Komunitarja għandhom isiru skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel.

valutazzjoni tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel u l-inklużjoni tagħhom fil-lista Komunitarja għandhom isiru skond **il-prinċipju ta' prekawżjoni** il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' prekawżjoni għandu jkun fiċ-ċentru ta' l-evalwazzjoni ta' riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 28 PREMESSA 11

(11) Enzima ta' l-ikel li taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandha tiġi awtorizzata skond dak ir-Regolament, **qabel l-approvazzjoni tagħha** taħt dan ir-Regolament.

(11) Enzima ta' l-ikel ġejja minn organiżmu li taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament għandha tiġi awtorizzata skond dak ir-Regolament, **qabel jew flimkien ma' l-approvazzjoni** taħt dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It was understood that, under Regulation (EC) No 1829/2003, a 'one-door-one-key' procedure for the authorisation of GM derived foods and food ingredients would be adopted. The requirement for a GM derived food enzyme to be authorised in accordance with 1829/2003 before it may be assessed for inclusion in the Community list of the proposed food enzymes Regulation appears to go against this approach and may result in the enzyme having to undergo two separate authorisation procedures. While in practice EFSA may look at a GMO-derived enzyme in light of both pieces of legislation, in accordance with good administrative practice, it is better to make this clear from the outset.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 29 PREMESSA 13

(13) Minħabba li ħafna enzimi ta' l-ikel diġà qegħdin fuq is-suq Komunitarju, għandu jsir provvediment sabiex ikun żgurat li l-bidla għal lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel ssir mingħajr problemi u ma tfixkilx is-suq eżistenti ta' l-enzimi ta' l-ikel. Għandu jitħalla żmien biżżejjed għall-applikanti sabiex jagħmlu disponibbli l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn il-prodotti. Għalhekk, għandu jitħalla perjodu inizjali ta' sentejn wara d-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri implimentattivi li ġew stabbiliti skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel], biex l-applikanti jingħataw żmien biżżejjed biex jissottomettu l-informazzjoni dwar l-enzimi eżistenti li jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja li għandha tkun ikkompilata taħt dan ir-Regolament. Għandu jkun possibbli wkoll li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' enzimi ġodda. L-Awtorità għandha tevalwa mingħajr dewmien l-applikazzjonijiet kollha għall-enzimi ta' l-ikel li matul dak il-perjodu ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom.

(13) Minħabba li ħafna enzimi ta' l-ikel diġà qegħdin fuq is-suq Komunitarju, għandu jsir provvediment sabiex ikun żgurat li l-bidla għal lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel ssir mingħajr problemi u ma tfixkilx is-suq eżistenti ta' l-enzimi ta' l-ikel ***fis-swieq domestiċi ta' l-Istati Membri***. Għandu jitħalla żmien biżżejjed għall-applikanti sabiex jagħmlu disponibbli l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn il-prodotti. Għalhekk, għandu jitħalla perjodu inizjali ta' sentejn wara d-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri implimentattivi li ġew stabbiliti skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel], biex l-applikanti jingħataw żmien biżżejjed biex jissottomettu l-informazzjoni dwar l-enzimi eżistenti li jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja li għandha tkun ikkompilata taħt dan ir-Regolament. Għandu jkun possibbli wkoll li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' enzimi ġodda. L-Awtorità għandha tevalwa mingħajr dewmien l-applikazzjonijiet kollha għall-enzimi ta' l-ikel li matul dak il-perjodu ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Il-għan ta' din l-emenda huwa li tħares s-suq ta' l-UE minn influss ta' ikel aktar irħis minn barra l-Unjoni, kif ukoll minn komponenti ta' l-ikel u addittivi. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jirreferi għal dan.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 30
PREMESSA 14

(14) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet ġusti u ugwali għall-applikanti kollha, il-lista Komunitarja għandha tkun ikkompilata f'darba. Dik il-lista għandha tiġi stabbilita wara li tkun ġiet sottomessa l-valutazzjoni tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn tkun ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom.

(14) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet ġusti u ugwali għall-applikanti kollha, il-lista Komunitarja għandha tkun ikkompilata f'darba. Dik il-lista għandha tiġi stabbilita wara li tkun ġiet sottomessa l-valutazzjoni tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn tkun ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom. ***Madankollu, l-opinjonijiet ta' l-Awtorità għandhom ikunu ppublikati hekk kif titlesta l-evalwazzjoni xjentifika.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun iċċarat li "approċċ ta' pass wieħed" ma jittardjax il-pubblikazzjoni ta' l-evalwazzjoni ta' riskju għall-enzimi individwali.

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 31
PREMESSA 14

(14) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet ġusti u ugwali għall-applikanti kollha, il-lista Komunitarja għandha tkun ikkompilata f'darba. Dik il-lista għandha tiġi stabbilita wara li tkun ġiet sottomessa l-valutazzjoni tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn tkun ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom.

(14) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet ġusti u ugwali għall-applikanti kollha, il-lista Komunitarja għandha tkun ikkompilata f'darba. Dik il-lista għandha tiġi stabbilita wara li tkun ġiet sottomessa l-valutazzjoni tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn tkun ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom. ***Madankollu, kull opinjoni mogħtija mill-EFSA għandha tkun ippublikata hekk kif titlesta evalwazzjoni ta' riskju.***

Or. de

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 32
PREMESSA 19

(19) L-enzimi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom ikunu evalwati mill-ġdid kulmeta jkun meħtieġ fid-dawl ta' kondizzjonijiet li jinbidlu li jirregolaw l-użu tagħhom u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

(19) L-enzimi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom ikunu evalwati mill-ġdid kulmeta jkun meħtieġ fid-dawl ta' kondizzjonijiet li jinbidlu li jirregolaw l-użu tagħhom u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

Barra minn hekk għandha tkun prevista reviżjoni ta' l-awtorizzazzjoni tagħhom wara għaxar snin, speċjalment fir-rigward il-benefiċċju tagħhom lill-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li għandu jkun possibbli li ssir reviżjoni ta' awtorizzazzjoni f'kull żmien kif meħtieġ, għandha ssir reviżjoni ġenerali wara għaxar snin.

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 33
PREMESSA 19

(19) L-enzimi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom ikunu evalwati mill-ġdid kulmeta jkun meħtieġ fid-dawl ta' kondizzjonijiet li jinbidlu li jirregolaw l-użu tagħhom u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

(19) L-enzimi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom ikunu evalwati mill-ġdid kulmeta jkun meħtieġ fid-dawl ta' kondizzjonijiet li jinbidlu li jirregolaw l-użu tagħhom u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

Madankollu għandha ssir evalwazzjoni xjentifika ġdida u klassifikazzjoni mill-anqas kull għaxar snin.

Or. de

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 34
ARTIKOLU 1, PUNT (B)

(b) il-kondizzjonijiet għall-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel ta' l-ikel;

(b) (b) il-kondizzjonijiet għall-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel ta' l-ikel **u l-livelli ta' kontenut aċċettabbli**;

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Livell għoli ta' saħħa tal-bniedem u protezzjoni tal-konsumatur ma jiddipendux biss fuq il-kondizzjonijiet ta' l-użu ta' l-enzimi imma wkoll, u fuq kollox, fuq l-istipular ta' livelli ta' kontenut ta' enzimi fil-prodotti għall-konsum, sabiex jiġu evitati effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem (e.g. it-tgerfix tas-sistema ormonali).

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 35

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 4

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kulturi tal-mikrobi li jintużaw tradizzjonalment fil-produzzjoni ta' l-ikel u li jista' jkun **fihom** l-enzimi iżda li ma jintużawx speċifikament biex jipproduċuhom.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

(a) il-kulturi ta' mikrobi tradizzjonalment użati fil-produzzjoni ta' l-ikel u li jistgħu, **jipproduċu b'mod inċidentali**, enzimi imma li mhumiex speċifikament użati sabiex jipproduċuhom;

(b) l-enzimi maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, bħall-enzimi għal skopijiet nutrittivi jew l-enzimi wżati bħala għajnuniet diġestivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni kkonfermat li l-ambitu ta' dan ir-Regolament ma japplikax għal enzimi maħsuba għall-konsum mill-bniedem bħal enzimi għal skopijiet nutrittivi jew enzimi użati bħala għajnuniet diġestivi. Dan huwa kopert mill-Premessa 4 tal-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, sabiex dan ikun ċar, hemm bżonn ta' referenza fit-test prinċipali tar-regolament propost. L-Artikolu 2.4 huwa l-aktar wieħed xieraq biex issir tali referenza.

Emenda mressqa minn Ria Oomen-Ruijten, Lambert van Nistelrooij

Emenda 36

ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 4

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal kulturi tal-mikrobi li jintużaw tradizzjonalment fil-produzzjoni ta' l-ikel u li jista' jkun fihom l-enzimi iżda li ma jintużawx speċifikament biex jipproduċuhom.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

(a) il-kulturi ta' mikrobi tradizzjonalment użati fil-produzzjoni ta' l-ikel imma li mhumiex speċifikament użati sabiex jipproduċuhom;

(b) ***l-enzimi maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, bħall-enzimi għal skopijiet nutrittivi (għajnuniet diġestivi).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika legali ; Għandu jkun ċar li, kif stipulat fil-Premessa 4, dan ir-Regolament għandu jkopri biss enzimi li jiżdienu sabiex jaqdu funzjoni teknoloġika u mhux enzimi maħsuba għall-konsum mill-bniedem (għajnuniet diġestivi). Għalhekk, l-eżenzjoni għandha tkun iċċarata legalment fl-ambitu ta' dan l-Artikolu u għalhekk m'għandiex tagħmel referenza għal enzimi wżati fil-produzzjoni ta' għajnuniet diġestivi, imma għal enzimi li huma għajnuniet diġestivi.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 37

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2

Id-definizzjoni li ġejja għandha tapplika **wkoll**:

‘enzima ta’ l-ikel’ tfisser prodott miksub bl-estrazzjoni mill-pjanti **jew** mill-annimali jew bi proċess ta’ fermentazzjoni billi jintużaw il-mikroorganiżmi:

- (a) (a) li jkun fihom enzima waħda jew aktar li kapaċi li tikkatalizza reazzjoni bijokimika speċifika; u
- (b) miżjuda ma’ l-ikel li jwettqu funzjoni teknoloġika fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar,

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) ***‘enzima’ tfisser kwalunkwe proteina li tkun ġejja mill-ħaxix, minn annimal jew minn mikrobi li jkunu kapaċi jikkatalizzaw reazzjoni bijokimika, mingħajr ma tbiddel l-istruttura tagħha fil-proċess;***

(2) ‘enzima ta’ l-ikel’ tfisser prodott miksub bl-estrazzjoni mill-pjanti, mill-annimali, ***mill-mikroorganiżmi jew minn prodotti tagħhom***, jew bi proċess ta’ fermentazzjoni billi jintużaw il-mikroorganiżmi:

- (a) li jkun fihom enzima waħda jew aktar li kapaċi li tikkatalizza reazzjoni bijokimika speċifika; u
- (b) miżjuda ma’ l-ikel li jwettqu funzjoni teknoloġika fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar,

fit-trasport jew fil-ħażna ta' l-ikel.

fit-trasport jew fil-ħażna ta' l-ikel;

(3) 'preparazzjoni ta' enzima ta' l-ikel' tfisser formulazzjoni li tikkonsisti minn enzima ta' l-ikel jew aktar, fejn sustanzi bħall-addittivi ta' l-ikel u/jew ingredjenti oħra ta' l-ikel huma inkorporati sabiex jiffaċilitaw il-ħażna, il-bejgħ, l-istandardazzjoni, is-sustanza dilwita jew it-taħlil tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jista' jkun hemm perċezzjonijiet differenti ta' dak li wieħed irid ifisser bit-terminu 'enzima'. F'ċerti każijiet it-terminu huwa użat sabiex jiddeskrivi l-proteina ta' l-enzima pura, filwaqt li f'oħrajn huwa użat sabiex jiddeskrivi l-prodott miksub permezz ta' estrazzjoni jew fermentazzjoni li ma jinkludix biss il-proteina ta' l-enzima, iżda wkoll xi residwi mill-proċess. Finalment, it-terminu enzima jista' jintuża wkoll sabiex jiddeskrivi l-prodott li jkun lest għall-bejgħ li jkunu ġew miżjuda ingredjenti oħrajn fih. Għall-iskop ta' ċertezza legali u korrettezza xjentifika, hemm bżonn ta' definizzjonijiet separati sabiex issir distinzjoni bejn dawn it-tliet sitwazzjonijiet.

Emenda mressqa minn Avril Doyle, Marios Matsakis

Emenda 38

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, DEFINIZZJONI -1 (ĠDID)

'enzima' tfisser kwalunkwe proteina li tkun ġejja mill-ħaxix, minn annimal jew minn mikrobi li jkunu kapaċi jikkatalizzaw reazzjoni bijokimika, mingħajr ma tbiddel l-istruttura tagħha fil-proċess; għall-għan ta' dan ir-Regolament, din id-definizzjoni għandha tinkludi wkoll "proenzimi", jiġifieri komposti li huma prekursori inattivi jew kważi inattivi ta' l-enzimi u jistgħu jkunu konvertiti f'enzimi attivi jekk ikunu suġġetti għal bidla katalitika speċifika;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa meħtieġ minħabba l-kompletezza sabiex tkun koperta l-possibilità ta' l-użu tal-

proenzimi, li mhumiex enzimi imma prekursori ta' l-enzimi, fil-preparazzjoni ta' l-ikel.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 39

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, DEFINIZZJONI 1 A (ĠDID)

'manifatturati mill-GMOs' tfisser ġejjin mill-użu ta' GMO bħala l-aħħar organiżmu ħaj fil-proċess ta' produzzjoni, imma li ma fihomx jew li ma jikkonsistux minn GMO u lanqas manifatturat mill-GMOs;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament għandu jkun konsistenti mad-definizzjonijiet tal-GMO wżati f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra sabiex ma jkunx hemm konfużjoni tat-terminoloġija.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 40

ARTIKOLU 3, PARAGRAFU 2, DEFINIZZJONI 1 A (ĠDID)

'quantum satis' tfisser¹ li mhux speċifiat livell massimu. Madankollu, għandhom jintużaw addittivi skond prassi ta' manifattura tajba, f'livell mhux aktar għoli minn dak neċessarju sabiex jinkiseb l-iskop maħsub u sakemm il-konsumatur ma jkunx żgwidat.

¹ *Test mill-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 94/35/KE (sustanzi li jagħtu ħlewwa)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Quantum satis: Definizzjoni għal 'quantum satis', imsemmija fl-Artikolu 12(f), għandha tiġi inkluża f'dan l-artikolu flimkien mad-definizzjonijiet l-oħra.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 41
ARTIKOLU 4, PARAGRAFU 1 A (ĠDID)

L-ebda persuna m'għandha tpoġġi fis-suq enzima ta' l-ikel jew kwalunkwe ikel li fih tali enzima ta' l-ikel jekk l-użu ta' l-enzima ta' l-ikel ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-punt il-ġdid jiżgura li l-enzimi eliġibbli kollha ta' l-ikel jkunu koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 42
ARTIKOLU 5

Enzima ta' l-ikel tista' tiġi inkluża fil-lista Komunitarja biss jekk tilħaq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli, ma joħloqx inkwiet għas-sigurtà tas-saħħa tal-konsumatur fuq il-livell ta' l-użu propost;
- (b) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli;
- (c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur.

Enzima ta' l-ikel tista' tiġi inkluża fil-lista Komunitarja biss jekk tilħaq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli ***u tal-prinċipju ta' prekawzjoni***, ma joħloqx inkwiet għas-sigurtà tas-saħħa tal-konsumatur fuq il-livell ta' l-użu propost;
- (b) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli;
- (c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur;

(ca) l-użu tagħha għandu benefiċċju ċar għall-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-leġiżlazzjoni attwali dwar l-addittivi fl-ikel, benefiċċju ċar għall-konsumatur għandu jkun ir-rekwiżit ċentrali fil-proċess ta' awtorizzazzjoni għal enzimi ta' l-ikel.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 43
ARTIKOLU 5, PUNT (A)

(a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli, ma johlloqx inkwiet għas-sigurtà tas-saħħa tal-konsumatur fuq il-livell ta' l-użu propost;

(a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli, ma johlloqx inkwiet għas-sigurtà tas-saħħa tal-konsumatur fuq il-livell ta' l-użu propost, ***suġġett għall-istipular ta' livell ta' kontenut permess fil-prodotti;***

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Evidenza xjentifika li tindika n-nuqqas ta' dannu ta' l-użu ta' tali sustanzi (enzimi) mhux biżżejjed sabiex ikun żgurat li m'humiex ta' dannu għas-saħħa tal-konsumatur. L-użu eċċessiv u fi kwantitajiet mhux ġustifikati fil-prodotti ta' l-ikel jista' jwassal għal problemi tas-saħħa fost l-Ewropej (eżempju s-sistema endokrinali)

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 44
ARTIKOLU 5, PARAGRAFU (C) U PUNT (CA) (ġdid)

(c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur.

(c) l-użu tagħha ma jiżgwidax il-konsumatur ***fir-rigward ta', inter alia, il-freskezza, il-kwalità ta' l-ingredjenti fil-prodott, in-naturalezza tal-prodott u l-kontenut ta' frott u ħaxix;***
(ca) l-użu tagħha huwa ta' benefiċċju għall-konsumatur.

Or. de

Emenda mressqa minn Kartika Tamara Liotard

Emenda 45
ARTIKOLU 5, PUNT (C)

(c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur.

(c) l-użu tagħha ma jiżgwidax il-konsumatur, ***eżempju rigward il-freskezza, il-kwalità ta' l-ingredjenti wżati, in-naturalezza tal-prodott, il-kwalità nutrizzjonali u l-kontenut ta' frott u***

ħxejjex.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' kriterji trasparenti dwar kif għandha tittieħed deċiżjoni dwar "il-konsumatur jiġi żgwidat".

Emenda mressqa minn David Martin, Åsa Westlund

Emenda 46
ARTIKOLU 5, PUNT (C)

(c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur.

(c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur. ***Il-każijiet fejn il-konsumatur huwa żgwidat jinkludu, iżda mhux limitati għal, kwistjonijiet relatati ma' kemm hu frisk il-prodott, mal-kwalità ta' l-ingredjenti użati, ma' kemm hu naturali l-prodott jew tal-proċess tal-produzzjoni jew mal-kwalità nutrittiva tal-prodott.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa meħtieġa sabiex ikun hemm fehim komuni mtejjeb tat-tifsira tal-frażi 'il-konsumatur jiġi żgwidat'.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 47
ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 2, PUNT (B)

(b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-enzima ta' l-ikel, li jinkludu l-oriġini tagħha, il-kriterji ta' purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra; fejn l-enzima ta' l-ikel ***taqa'*** fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, fl-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi inkluża referenza għall-identifikatur uniku li jkun attribwit għall-organiżmu modifikat ġenetikament skond dak ir-Regolament;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-enzima ta' l-ikel, li jinkludu l-oriġini tagħha, il-kriterji ta' purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra; fejn l-enzima ta' l-ikel ***tinkiseb minn organizzmu li jaqa'*** fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, fl-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi inkluża referenza għall-identifikatur uniku li jkun attribwit għall-organiżmu modifikat ġenetikament skond dak ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It was understood that, under Regulation (EC) No 1829/2003, a 'one-door-one-key' procedure for the authorisation of GM derived foods and food ingredients would be adopted. The requirement for a GM derived food enzyme to be authorised in accordance with 1829/2003 before it may be assessed for inclusion in the Community list of the proposed food enzymes Regulation appears to go against this approach and may result in the enzyme having to undergo two separate authorisation procedures. While in practice EFSA may look at a GMO-derived enzyme in light of both pieces of legislation, in accordance with good administrative practice, it is better to make this clear from the outset.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 48

ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 2, PUNT (B)

(b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-enzima ta' l-ikel, li jinkludu l-orìġini tagħha, il-kriterji ta' purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra; fejn l-enzima ta' l-ikel taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, fl-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi inkluża referenza għall-identifikatur uniku li jkun attribwit għall-organiżmu modifikat ġenetikament skond dak ir-Regolament;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-enzima ta' l-ikel, li jinkludu l-orìġini tagħha, il-kriterji ta' purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra (**eżempju l-kwantità**); fejn l-enzima ta' l-ikel taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, fl-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi inkluża referenza għall-identifikatur uniku li jkun attribwit għall-organiżmu modifikat ġenetikament skond dak ir-Regolament;

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Barra l-informazzjoni essenzjali addizzjonali fl-Artikolu 6 (eżempju l-pajjiż ta' l-orìġini), l-indikazzjoni ta' kwantità hija ta' importanza fundamentali (kontenut, konċentrazzjoni fil-prodott jew l-ammont rakkomandat tal-konsum ta' l-ikel f'kull ġurnata) bil-għan li jiġi evitat kwalukwe dannu lis-saħħa tal-konsumatur.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 49

ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 2, PUNTI (C) SA (F)

(c) **jekk ikun meħtieġ**, l-ikel li miegħu tista'

(b) l-ikel li miegħu tista' tiġi miżjuda l-

tiġi miżjuda l-enzima ta' l-ikel;

(d) **jekk ikun meħtieġ**, il-kondizzjonijiet li fihom tista' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

(e) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

(f) **fejn ikun meħtieġ**, ir-rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

enzima ta' l-ikel;

(d) jekk ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet li fihom tista' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

(d) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

(f) fejn ikun meħtieġ, ir-rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtorizzazzjoni ta' enzima ta' l-ikel għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet kollha ta' l-użu u r-rekwiżiti ta' l-ittikkettar. Għalhekk dan il-paragrafu għandu jiġi ċċarat.

Emenda mressqa minn Kartika Tamara Liotard

Emenda 50

ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 2, PUNTI (C) SA (F)

(c) **jekk ikun meħtieġ**, l-ikel li miegħu tista' tiġi miżjuda l-enzima ta' l-ikel;

(d) **jekk ikun meħtieġ**, il-kondizzjonijiet li fihom tista' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

(e) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

(f) **fejn ikun meħtieġ**, rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

(b) l-ikel li miegħu tista' tiġi miżjuda l-enzima ta' l-ikel;

(d) il-kondizzjonijiet li fihom tista' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

(e) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

(f) rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

"jekk ikun meħtieġ" għandha titħassar sabiex jiġu evitati kwalunkwe inċertezzi legali.

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 51

ARTIKOLU 6, PARAGRAFU 2, PUNTI (C) SA (F)

(c) ***jekk ikun meħtieġ***, l-ikel li miegħu tista' tiġi miżjuda l-enzima ta' l-ikel;

(d) ***jekk ikun meħtieġ***, il-kondizzjonijiet li fihom tista' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

(e) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

(f) ***fejn ikun meħtieġ***, ir-rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

(b) l-ikel li miegħu tista' tiġi miżjuda l-enzima ta' l-ikel;

(d) il-kondizzjonijiet li fihom tista' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

(e) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

(f) fejn ikun meħtieġ, ir-rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

Or. de

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 52

ARTIKOLU 7, TITOLU

L-inklużjoni ta' ***enzimi*** modifikati ġenetikament fil-lista Komunitarja

L-inklużjoni ta' ***enzimi manifatturati minn jew b'organiżmi*** modifikati ġenetikament (***GMOs***) fil-lista Komunitarja

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' ċarezza fil-kwistjoni tal-GMOs. L-enzimi ta' l-ikel jistgħu jkun dderivati minn GMOs jew magħmulin bihom: m'humix GMOs huma nfushom. It-terminu għandu jkun konsistenti mad-definizzjonijiet użati fir-regolamenti speċifiċi 1829/2003/EC u 1830/2003/EC.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 53
ARTIKOLU 7

L-inklużjoni ta' **enzimi** modifikati
ġenetikament fil-lista Komunitarja

Enzima ta' l-ikel li taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tista' tkun inkluża fil-lista Komunitarja **biss wara** li tkun ġiet awtorizzata skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

L-inklużjoni ta' **enzimi dderivati minn organiżmi** modifikati ġenetikament (**GMOs**)
fil-lista Komunitarja

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, enzima ta' l-ikel **għejja minn organiżmu** li taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tista' tkun inkluża fil-lista Komunitarja **biss meta** tkun ġiet awtorizzata skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It was understood that, under Regulation (EC) No 1829/2003, a 'one-door-one-key' procedure for the authorisation of GM derived foods and food ingredients would be adopted. The requirement for a GM derived food enzyme to be authorised in accordance with 1829/2003 before it may be assessed for inclusion in the Community list of the proposed food enzymes Regulation appears to go against this approach and may result in the enzyme having to undergo two separate authorisation procedures. While in practice EFSA may look at a GMO-derived enzyme in light of both pieces of legislation, in accordance with good administrative practice, it is better to make this clear from the outset.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 54
ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 1, PUNTI (A) U (B)

(a) l-isem li ġie stabbilit f'dan ir-Regolament; **jew**

(b) **fin-nuqqas ta' isem, kif jissemma fil-punt (a)**, deskrizzjoni ta' l-enzima ta' l-ikel li hija preċiża biżżejjed biex tiddistingwiha minn prodotti oħra li wieħed jista' jfixkilhom magħha.

(a) l-isem li ġie stabbilit f'dan ir-Regolament **u d-deskrizzjoni skond in-nomenklatura ta' l-Unjoni Internazzjonali tal-Bijokimika u l-Bijoloġija Molekolari; u**

(b) deskrizzjoni ta' enzima ta' l-ikel li hija preċiża biżżejjed biex tiddistingwiha minn prodotti oħra li wieħed jista' jfixkilhom magħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ittikkettar maħsub għal utenti professjonali għandu jagħti informazzjoni preċiża dwar in-natura u l-attività ta' l-enzima.

Emenda mressqa minn Kartika Tamara Liotard

Emenda 55

ARTIKOLU 9, PARAGRAFU 1, PUNTI (A) U (B)

(a) l-isem li ġie stabbilit f'dan ir-Regolament; **jew**

(b) **fin-nuqqas ta' isem, kif jissemma fil-punt (a)**, deskrizzjoni ta' l-enzima ta' l-ikel li hija preċiża biżżejjed biex tiddistingwiha minn prodotti oħra li wieħed jista' jfixkilhom magħha.

(a) l-isem li ġie stabbilit f'dan ir-Regolament; **u**

(b) deskrizzjoni ta' enzima ta' l-ikel li hija preċiża biżżejjed biex tiddistingwiha minn prodotti oħra li wieħed jista' jfixkilhom magħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-isem ta' l-enzima għandu jkun indikat dejjem.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 56

ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1, PUNT (B)

(b) jekk ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet speċjali tal-ħażna u ta' l-użu;

(b) jekk ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet speċjali tat-**trasport**, il-ħażna u ta' l-użu;

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Il-kondizzjonijiet skond liema jiġu trasportati enzimi speċifiċi li huma sensitivi għal bdil fit-temperatura, fil-livelli ta' l-umdità, etc. jista' jkollhom effett fuq il-kwalità tal-prodott finali.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 57

ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1, PUNT (C)

(c) l-istruzzjonijiet għall-użu, ***jekk l-ommissjoni ta' dawn għandha tipprekludi l-użu xieraq ta' l-enzima ta' l-ikel;***

(c) istruzzjonijiet għall-użu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-enzimi ta' l-ikel m'għandhomx jitpoġġew fis-suq mingħajr ma jkollhom fuq it-tikketta l-istruzzjonijiet għall-użu.

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 58

ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1 , PUNT F

(f) fejn komponent ta' l-enzima ta' l-ikel huwa soġġett għal limitu fuq il-kwantità ta' l-ikel, indikazzjoni tal-persentaġġ ta' dak il-komponent ta' l-enzima ta' l-ikel jew informazzjoni biżżejjed dwar il-kompożizzjoni ta' l-enzima ta' l-ikel biex ix-xerrej ikun jista' jiżgura l-konformità mal-limitu fuq il-kwantità ta' l-ikel; fejn l-istess limitu fuq il-kwantità japplika għal grupp ta' komponenti li jintużaw wieħed wieħed jew flimkien, il-persentaġġ kombinat jista' jingħata bħala figura waħda; il-limitu fuq il-kwantità għandu jkun espress jew numerikament jew skond il-prinċipju *quantum satis*;

(f) fejn komponent ta' l-enzima ta' l-ikel huwa soġġett għal limitu fuq il-kwantità ta' l-ikel, indikazzjoni tal-persentaġġ ta' dak il-komponent ta' l-enzima ta' l-ikel jew informazzjoni biżżejjed dwar il-kompożizzjoni ta' l-enzima ta' l-ikel biex ix-xerrej ikun jista' jiżgura l-konformità mal-limitu fuq il-kwantità ta' l-ikel; fejn l-istess limitu fuq il-kwantità japplika għal grupp ta' komponenti li jintużaw wieħed wieħed jew flimkien, il-persentaġġ kombinat jista' jingħata bħala figura waħda; il-limitu fuq il-kwantità għandu jkun espress jew numerikament jew skond il-prinċipju *quantum satis*;

Meta jiġu miżjuda l-enzimi ma' l-ikel, dan għandu jsir biss f'doża li hija strettament neċessarja sabiex jinkiseb il-għan li għalihom qed jintużaw. Dan għandu jimminimizza l-kwantità ta' l-enzimi inġestiti u tippermetti protezzjoni aħjar ta' gruppi sensitivi tal-popolazzjoni.

Or. de

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 59

ARTIKOLU 12, PARAGRAFU 1, SUBPARAGRAFU (H) A (ĠDID)

(ħa) l-effetti kollaterali ta' l-użu tagħhom f'kwantitajiet eċċessivi.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Informazzjoni dwar l-effetti ta' doża eċċessiva ta' enzimi tista' tiproteġi lill-konsumaturi minn mard li jista' jiġi evitat. Użu eċċessiv ta' l-enzimi huwa ta' ħsara għall-organiżmu tal-bniedem.

Emenda mressqa minn Karin Scheele

Emenda 60

ARTIKOLU 13

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, l-enzimi ta' l-ikel li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom ikun fih l-informazzjoni li ġejja, li trid tkun tidher sew, tinqara b'mod ċar u ma titħassarx:

(a) l-isem li bih tinbiegħ l-enzima ta' l-ikel; dak l-isem għandu jkun magħmul mill-isem stabbilit minn kwalunkwe dispożizzjoni Komunitarja li tapplika għall-enzima ta' l-ikel konċernata;

(b) l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikoli 9, 10 u 11 u l-punti (a) sa (e), u (g) u (h) ta' l-Artikolu 12(1).

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, l-enzimi ta' l-ikel ***jew ikel li fih l-enzimi ta' l-ikel*** li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom ikun fih l-informazzjoni li ġejja, li trid tkun tidher sew, tinqara b'mod ċar u ma titħassarx:

(a) l-isem li bih tinbiegħ l-enzima ta' l-ikel ***jew kemm dak l-isem u l-funzjoni teknoloġika fl-ikel***; dak l-isem għandu jkun magħmul mill-isem stabbilit minn kwalunkwe dispożizzjoni Komunitarja li tapplika għall-enzima ta' l-ikel konċernata;

(b) l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikoli 9, 10 u 11 u l-punti (a) sa (e), u (g) u (h) ta' l-Artikolu 12(1).

(ba) fejn applikabbli, indikazzjoni li l-prodotti fih organiżmi modifikati ġenetikament jew sustanzi magħmula minnhom.

Barra minn hekk, informazzjoni dwar l-enzimi kollha wżat fil-proċess ta' produzzjoni għandhom ikunu disponibbli

għall-konsumaturi, jekk mhux fuq it-tikketta, għall-inqas permezz ta' mezz ta' informazzjoni oħrajn, bi prijorità mogħtija lil dawk fil-mument tal-bejgħ. Barra minn hekk, għandha ssir dispożizzjoni għall-aċċess ta' l-informazzjoni mill-konsumaturi mid-dar, eżempju mill-internet jew permezz ta' hotlines telefoniċi.

Or. de

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 61
ARTIKOLU 13, PARAGRAFU 1, PUNT (B)

(b) l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikoli 9, 10 u 11 u ***l-punti (a) sa (e), u (g) u (h) ta' l-Artikolu 12(1).***

(b) l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 9, 10 u 11 ta' l-Artikolu 12(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-ittikkettar ta' l-enzimi ta' l-ikel maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali, għandha tkun disponibbli l-informazzjoni kollha. B'mod speċjali, m'għandhomx ikunu esklużi, id-dispożizzjonijiet mill-Artikoli 12(1) punt (f) rigward il-kwantità massima ta' l-enzimi ta' l-ikel fil-prodott ta' l-ikel finali.

Emenda mressqa minn Kartika Tamara Liotard

Emenda 62
ARTIKOLU 15 A (ĠDID)

Il-monitoraġġ u l-irrapportar mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom iwaqqfu sistemi li jikkontrollaw il-konsum u l-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel u jirrapportaw is-sejbiet tagħhom kull sena lill-Kummissjoni u lill-Awtorità. Dawn is-sejbiet għandhom ikunu kkunsidrati qabel l-inklużjoni ta' l-enzima ta' l-ikel fil-lista Komunitarja.

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni dwar l-użu m'għandix tkun provduta biss mill-produttur. Il-produzzjoni u d-dejta tal-konsum provduta mill-industrija hija spiss insuffiċjenti u għandha tkun komplimentata mid-data miġbura mill-awtoritajiet nazzjonali.

Dispożizzjonijiet simili huma diġà rikjesti fil-proposta dwar l-addittivi ta' l-ikel kif ukoll fil-proposta dwar l-essenzi u ċertu ingredjenti ta' l-ikel li għandhom projpetajiet ta' essenzi.

Emenda mressqa minn Urszula Krupa

Emenda 63

ARTIKOLU 18, PARAGRAFU 3

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Reġistru ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li se jitqiesu għall-inklużjoni fil-lista Komunitarja, li dwarhom tkun ġiet sottomessa applikazzjoni, skond il-paragrafu 2, li tikkonforma mal-kriterji ta' validità li għandhom jiġu stabbiliti skond skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni] ('ir-Reġistru'). Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-applikazzjonijiet lill-Awtorità għall-opinjoni tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Reġistru ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha, ***flimkien mal-konċentrazzjoni permessa tagħhom***, li se jitqiesu għall-inklużjoni fil-lista Komunitarja, li dwarhom tkun ġiet sottomessa applikazzjoni, skond il-paragrafu 2, li tikkonforma mal-kriterji ta' validità li għandhom jiġu stabbiliti skond skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru [...] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni] ('ir-Reġistru'). Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-applikazzjonijiet lill-Awtorità għall-opinjoni tagħha.

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Barra mill-lista ta' l-enzimi kollha, huwa essenzjali li r-reġistru jindika l-konċentrazzjonijiet permessi tagħhom, bil-għan li tkun protetta s-saħħa tal-konsumaturi.

Emenda mressqa minn Avril Doyle

Emenda 64

ARTIKOLU 20 A (ĠDID)

Artikolu 20a

*L-emenda għar-Regolament (KE) Nru.
258/1997*

*Fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru
258/1997, se jiżdied dan il-punt (d):*

*"(d) l-enzimi ta' l-ikel li jaqgħu fl-ambitu
tar-Regolament (KE) Nru [dwar l-
enzimi ta' l-ikel]."*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan iġib ir-Regolament Ġdid dwar l-Ikel f'konformità ma' din il-proposta.

Emenda mressqa minn Carl Schlyter, Bart Staes

Emenda 65

ARTIKOLU 22, PUNT 2

Artikolu 6, paragrafu 6 inċiż ġdid (Direttiva 2001/13/KE)

- l-enzimi **għajr dawk li jissemmew fil-paragrafu 4(c)(ii)** iridu jiġu indikati permezz ta' l-isem ta' waħda mill-kategoriji ta' l-ingredjenti li huma elenkati fl-Anness II, segwit mill-isem speċifiku tagħhom,;

- enzimi preżenti fil-prodotti ta' l-ikel għandhom ikunu msemmeja b'isem waħda mill-kategoriji ta' ingredjenti mniżżla fl-Anness II, segwiti mill-isem speċifiku tagħhom **u indikazzjoni ta' jekk għadhomx attivi jew le fil-prodotti finali**; fir-rigward ta' enzimi prodotti minn GMOs għandu jkun hemm indikazzjoni li tgħid "prodotti minn GMOs" fuq it-tiketta;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsumaturi għandhom ikunu konxji ta' jekk prodott speċifiku fihx enzimi attivi. Id-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettar għandhom ikunu ċċarati fir-rigward ta' l-enzimi prodotti mill-GMOs. Dan huwa f'konformità mal-kunċett ta' l-"aħħar organizzmu ħaj" li jiddetermina d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1829/2003/KE dwar l-ikel u l-għalf GM. Barra minn hekk, għandha tkun provduta informazzjoni dwar l-enzimi kollha wżati fl-ipproċessar ta' l-ikel, jekk mhux fuq it-tikketta, għallinqas permezz ta' mezzi oħra, preferlibbilment fil-punt tal-bejgħ kif ukoll f'forma li tista' tkun ikkonsultata d-dar.